**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Istruttorja**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius)**

**-vs-**

**Adrian Grech, u detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 397079M**

*Kump. Nru.366/2022*

Illum, **28 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Adrian Grech** u ċioe` talli:

> Nhar il-25 ta' Marzu, 2022, f'xi ħin bejn is-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs), ġewwa l-istabbiliment ta' *E. Grech Crystal Bath Ltd., Triq Salvu Psaila, Birkirkara,* mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Charles Farr, u kkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi hekk skond ma ġie ċċertifikat minn Dr Ian Baldacchino M.D. (Reg.No: 3943) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara, u/jew diversi tobba oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Charles Farr jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i imsemmija u l-familja/i tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiża u l-familja tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Lulju, 2024[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2024, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi deċiż minn din il-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat;

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Marzu, 2024

[1] Fol.131-132
[2] Fol.134

**Il-Provi**

Mill-**Current Incident Report**[3] irriżulta illi fil-25 ta' Marzu, 2022 l-allegat vittma, Charles Farr, irrapporta ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara illi dakinhar, għall-ħabta tat-15:30hrs, waqt li kien qiegħed xogħol bħala *salesman* ġewwa *E.Grech Cristal Bath Ltd* fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, kien safa aggredit mill-imgħallem tiegħu, Adrian Grech. Dan ġara wara li qam argument bejniethom relatat max-xogħol. L-allegat vittma stqarr illi kien ilu jaħdem ma' dik il-kumpanija għal madwar ħames snin u żied igħid illi l-kwistjoni kienet bdiet mill-ġurnata ta' qabel, ċioe` fl-24 ta' Marzu, 2022.

Dakinhar kien telaq mix-xogħol irrabjat għaliex suppost kien jaħdem sal-16:00hrs iżda spiċċa weħel fuq ix-xogħol sas-18:45hrs u dik ma kinitx l-ewwel darba li baqa' hemm wara l-ħin u kien jitħallas sal-16:00hrs. L-allegat vittma qal illi kien "*irrabjat ħafna*" u qabel ma telaq mix-xogħol ċempel lil Adrian Grech, li kien wieħed mill-imgħallmin tiegħu u kellmu "*naqra mhux ħażin*" għax kien irrabjat. Qal illi qallu, "*Ma jistax ikun nibqa' sa dan il-ħin ix-xogħol.*" Imbagħad telaq.

L-għada, jiġifieri fil-25 ta' Marzu, 2022, meta kien xogħol f'Birkirkara, Grech mar ikellmu, jizzikah u jwaqqgħu għaċ-ċajt. Qal illi spiċċaw jargumentaw. L-allegat vittma kompla jispjega:

> *....ġġilidna ftit, xejn ta' barra minn hawn għax tant jitilfek li jitliflek il-kontroll. Bdejt ngħidlu biex jitlaq 'l hemm. "Ħallini nkompli b'xogħoli."*[4]

Dak il-ħin, l-allegat vittma u l-imgħallem kienu qegħdin fil-*basement* tal-ħanut. Grech reġa' niżel u qallu, "*Ejja ħa nitilgħu fuq ħa nitkellmu.*" L-allegat vittma kompla jispjega illi kif tela' fuq, l-allegat aggressur ħebb għalih, tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċu u gidmu f'imnieħru u ma riedx iħallih. Imbagħad intervjena missier l-allegat aggressur, Manuel Grech, u ħaddiema oħra biex jaqilgħuh minn mal-allegat vittma li telaq lejn il-*polyclinic.*

L-allegat vittma stqarr illi "*meta gidimni jiena u hu biss konna.*" Semma wkoll illi meta kienu għadhom isfel, kien hemm "*Christian u Samuel.*"

Farr ippreżenta ċertifikat mediku maħruġ dakinhar stess fil-17:12hrs minn Dr. Ian Baldacchino li eżaminah ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara u li ċċertifika l-ġrieħi tiegħu bħala gravi.

---

[3] **DOK.MS** a fol.126-129

[4] Fol.76

Il-pulizija rċeviet ritratti tal-allegat vittma li kienu juru l-ġrieħi li ġarrab in relazzjoni ma' dan ir-rapport.

Fil-25 ta' April, 2022, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Andrew Agius, PS 408 irrikorra fuq il-post tal-allegat inċident fejn tkellem ma' Adrian Grech u avżah sabiex jirrikorri ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara is-Sibt 30 t'April, 2022 sabiex jiġi mitkellem dwar dan il-każ.

Grech stqarr li kien se jipprovdi filmati tas-CCTV li kienu *downloaded* u żied igħid illi dakinhar tal-inċident, kien ġie provokat mill-persuna li għamlet ir-rapport. Kellu wkoll jipprovdi xi ismijiet ta' xhieda/impjegati li kienu preżenti dakinhar tal-inċident.

**L-Ispettur Andrew Agius Bonello**[5] xehed illi nhar il-25 ta' Marzu, 2022, għall-ħabta tat-3:30pm Charles Farr irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara illi l-imgħallem tiegħu Adrian Grech kien ħebb għalih wara argument li qam bejniethom u qal ukoll li kienu ġġieldu. Huwa stqarr illi Grech kien tah daqqa ta' ponn fuq il-lemin ta' wiċċu u anke gidimlu mnieħru u baqa' mqabbad miegħu sa ma ġew missier Grech flimkien ma' xi ħaddiema oħra u qalgħuh.

L-allegat vittma kien ipprovda xi ritratti kif ukoll ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Ian Baldacchino li ċċertifika l-ġrieħi ta' Farr bħala ta' natura gravi.[6] Nhar it-3 ta' Ġunju, 2022, Grech kien mitkellem ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara fejn għażel li ma jweġibx għad-domandi magħmulin minnu.[7]

Ix-xhud ikkonferma illi kienu nħarġu wkoll akkużi fil-konfront ta' Farr.

**Charles Farr,**[8] għażel li jixhed wara li ngħata l-*caution* u spjega kif fi żmien l-inċident kien impjegat bħala *sales representative* mal-kumpanija AAK Grech Bros. Ltd., proprjetarji tal-kumpanija Grech Cristal Bath Ltd. Nhar il-25 ta' Marzu, 2022 kien qiegħed fix-*showroom* ta' Birkirkara għalkemm xogħlu kien aktar il-Marsa. Iżda dakinhar kienet inqalgħet problema fuq xi *toilet* li kien biegħ. Il-klient kien xtara ammont ta' *toilets* u wieħed minnhom kien qiegħed jillikja. Għalhekk, hu ried jara kif ser isolvi il-problema. Peress illi t-*toilets* kienu qegħdin in-naħa ta' Birkirkara, kien mar hemmhekk biex jara jekk jibdilx dak it-*toilet.* Ried ukoll jiġbor biċċa għodda għal klient ieħor peress li ma kienx hemm bħalha fl-istabbiliment tal-Marsa.

---

[5] Fol.64-65
[6] **DOK.AA1** a fol.67
[7] **DOK.AA2** a fol.68
[8] Fol.8-16

Ix-xhud kompla jispjega illi waqt li kien fil-ħanut ta' Birkirkara, "*spiċċajna kellna x'ngħidu jiena u Adrian Grech. U spiċċa gidimli hawn imnieħri jiġifieri.*" Stqarr illi kien ilu ħames snin jaħdem magħhom.

Rigward l-akkadut, ix-xhud stqarr, "*Jien kont naqra ma kontx qiegħed sew. Jiena anke kont nieħu l-pilloli tad-dipressjoni.....ma kontx nistikkjah..*" Kompla jispjega illi kull meta kien imur l-imputat kien jew iqabbdu jagħmel xi ħaġa u meta hu suppost kellu jaħdem mit-tmienja sal-erbgħa, kien dejjem jispiċċa jaħdem mis-sitta sas-sitta jew sas-sebgħa ta' filgħaxija u jitħallas sal-erbgħa minħabba problema tal-kompjuter. Kompla jispjega illi kien hemm problema kbira għax l-*istock* ma kienx qiegħed sew fis-sistema u għalhekk kien idum biex jagħmel ftit karti. Kien ilu ħames snin għaddej hekk, dejjem b'dawk il-problemi u dejjem ħa jirranġaw. Qal illi dik is-sena stess kien ta n-*notice* biex jitlaq għax kien xeba'. Wara l-inċident, kienu waqqfuh mix-xogħol l-imgħallmin stess.

Ix-xhud qal illi qabel l-inċident kien ta n-*notice* ta' tliet xhur sabiex jagħtihom ċans isibu lil xi ħadd biex jieħu postu u sakemm jilħaq idawru mal-klienti. L-imgħallem baqa' ma jridx iħallih jitlaq u baqa' jgħidlu li l-affarijiet kienu se jitranġaw. Kien jgħidlu li se jibdlu s-sistema tal-kompjuter kif ukoll il-vannijiet. Kompla jgħid:

> *Imma dawk kollha problemi li jiena kelli ġo moħħi jien kont għaddej minn problemi jien kont immur jien kont immur id-dar nagħmel sagħtejn fil-karozza isfel lanqas nitlaq [recte: nitla']. Qisni ma rrid nara l-ħadd imma kulħadd iddejjaq kont ħażin ħażin ħafna għaddej b'din il-problema dejjem nispiċċa mmur id-dar fis-sitta ta' filgħaxija minħabba dawn in-nuqqasijiet li għandhom.*[9]

Il-ġurnata ta' qabel l-inċident, kien reġa' dam sas-7:00pm għaliex l-ewwel dam biex jagħmel il-karti mill-Marsa u mbagħad kien mitlub jieħu vann mimli xogħol fl-*istores* ġewwa B'kara. Suppost il-ħaddiema tal-*istores* kellhom iniżżluhom huma, imma meta wasal hemm, l-impjegati kienu isfel u ħadd ma kien jaf li kien sejjer hu.

> *...għax dejjem jgħidlek illi ħa jsib kollox lest. U fil-fatt ma jkun veru xejn u xbajt u kull darba jigdiblek jivvintalek.*[10]

Ix-xhud kompla jispjega illi kien telaq mill-i*stores* peress li ħadd ma ried imur jgħinu biex ibattal il-vann li kien fih kaxex tqal. Mar ix-*showroom* u niżżlu l-kaxex hemmhekk. X'ħin telaq, ċempel lill-imputat.

---

[9] Fol.11
[10] Ibid

*....kont irrabjat ħafna għax iddejjaqt mela tellifli l-job il-ġdid li jien kont ħa nitlaq. Imbagħad ħa nibqgħu bl-istess problemi u ma flaħtx aktar għedtlu ma jistax ikun nibqa' sejjer hekk u xbajt ma bdejtx nara u ngħid dak il-ħin u tlaqt lejn id-dar...*[11]

L-għada, fil-25 ta' Marzu, 2022, għall-ħabta tat-tlieta u nofs kien mar biex jgħabbi dawk l-affarijiet u jsolvi l-problema tal-klienti. Kif l-imputat rah hemmhekk, mill-ewwel beda "*jparla*" fuq li kien ġara l-Ġimgħa filgħaxija. Ix-xhud beda jgħidlu biex jitlaq għax ma felħux.

*U jibqa' jibqa' jrid jgħid u jara x'ħa ħi x'ħa jgħidlek u fuq xiex ħa jgħajrek u fuq xiex. U spiċċajna kellna naqra xi ngħidu spiċċa naqra fl-idejn ftit xejn xejn kbir, jiġifieri għax jiena fl-istess ħin ma rrid inweġġa' lil ħadd imma tant hija jagħmillek illi tipprova ppruvajt biex jitlaq 'l hemm.*[12]

Ix-xhud kompla jispjega illi l-imputat tela' fuq mill-*basement* fejn baqa' l-istess xhud sakemm lesta l-karti. Waqt li kien qed jagħmel il-karti, l-imputat beda jinżel jittawwal biex jara jekk l-impjegat kienx għadu hemm. Beda jsaqsi lil impjegat ieħor, "*Charlie għadu hawn?*" Dak l-impjegat ħasbu li kien qed isaqsi għal "*Charlie ieħor*" u wieġbu, "*le mhux hawn.*" Iżda l-imputat reġa' niżel jittawwal u rah hemmhekk. Ix-xhud spjega illi biex joħroġ kellu jerġa' jitla' minn hemm peress li ma kienx hemm triq oħra. X'ħin lesta, tela' u sab lill-imputat jistennieh.

*...spiċċa ħebb għalija. Hemmhekk ħatafli mnieħri b'ħalqu infatti għad għandi l-marki u ma rridx jitlaqni xejn u dak il-ħin ma kien hemm ħadd fil-ħanut. Ħadd lanqas x'sales persons jew hekk ħadd ma kien hemm. U jien ngħajjat ħallini ħallini ħallini u d-demm nieżel.*[13]

Imbagħad il-ħaddiema telgħu minn isfel u missier l-imputat niżel minn fuq meta l-imputat kien għadu mwaħħal ma' mnieħer ix-xhud. Missier l-imputat ta daqqa fuq dahar ix-xhud għaliex għall-ewwel ħaseb li dan kien qed jigdem lil ibnu. Imbagħad x'ħin ra li ibnu kien qed jigdem lix-xhud, daħal biex iferraqhom. Il-missier qal lix-xhud biex imur fil-*bathroom* biex ixarrab wiċċu u jagħmel xi *tissue* għax kellu d-demm. Ix-xhud qal illi hekk għamel u mbagħad mar il-*policlinic* biex idewwuh.

Ix-xhud ippreżenta ċertifikat dwar il-pilloli li kien qiegħed jieħu.[14] Ippreżenta wkoll żewġ ritratti li kien ħa l-imputat innifsu.[15] Ippreżenta sitt ritratti oħra li

---

[11] Fol.12
[12] Ibid
[13] Fol.13
[14] **DOK.CF1** a fol.17-18
[15] **DOK.CF2 u CF3** (erronjament immarkati bħala **DOK.CF1 u DOK.CF2**) a fol.19-20

kien ħa tiegħu nnifsu bil-*mobile* dakinhar stess tal-inċident.[16] Ix-xhud ikkonferma illi kien mar il-*policlinic* ta' Birkirkara fejn dewwewh. Iżda qal illi nesa jekk kienx mar iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta. Qal illi dam xahar imur il-*policlinic* biex jibdlulu id-*dressing.*

Ix-xhud reġa' tenna illi fejn kien qed jistennieh l-imputat ma kien hemm ħadd aktar. Imbagħad wara, mar missier l-imputat, xi tfajla u l-ħaddiem t'isfel ukoll.

**Amanda Gauci,** [17]*sales girl* ma' *E. Grech Cristal Bath Ltd.*, xehdet illi dakinhar tal-inċident kienet qiegħda fuq il-kompjuter tagħmel xi ordnijiet ġewwa l-ħanut ta' Psaila Street, Birkirkara meta semgħet l-għajjat, l-argumenti u d-dagħa minn isfel fejn seħħ il-każ. Niżlet fit-taraġ u mbagħad telgħet tiġri fuq biex tgħajjat lis-"*Sur Manuel lill-imgħallem il-kbir.*" Kompliet tgħid illi min-naħa tagħha, dak kien kull ma rat. Qalet illi kienu qegħdin jargumentaw imma b'mod li ndunat li kienet ġlieda. Qalet ukoll illi kien hemm "*Charles kien hemm is-sur Adrian u kien hemm xi 2 ...kollegi oħra eks kollegi tagħna insomma.*"[18]

Ix-xhud spjegat illi meta telgħet tiġri għand is-Sur Manuel, qaltlu li kien hemm ġlieda isfel u hu niżel. Hi niżlet ukoll iżda marret fuq id-*desk* tagħha. Spjegat illi dak iż-żmien kienet għadha tibda f'dak ix-xogħol u għalhekk ma kinitx se tidħol fil-ġlieda. Qalet illi kienet semgħet id-dagħa u ndunat illi l-affari kienet aggressiva. L-argument kien għadu għaddej x'ħin niżel is-Sur Manuel imma hi ma kinitx taf x'ġara. Waqt li kienet hemmhekk qalet li kien hemm xi nies li rathom ħerġin 'l barra. Spjegat illi rat lil Charles Farr ħiereġ 'l barra però ma setgħetx tiftakar sew jekk lill-imputat ratux ħiereġ ukoll. Mistoqsija jekk lil Farr kinitx ratlu xi ħaġa, wieġbet "*Mhux daqshekk x'tfissirli ma nafx f'liema sens.*"[19]

> *Ħa nkun onesta jiena ma tantx involvejt ruħi. Jiena just mort ngħajjat is-sur Manuel.*[20]

**Christian McKay,**[21] eks-impjegat mal-kumpanija tal-imputat li fiż-żmien tal-inċident kien ibiegħ fil-ħanut taż-żebgħa fil-parti t'isfel tal-ħanut ta' Psaila Street, Birkirkara, qal illi dakinhar tal-inċident kien qiegħed barra l-ħanut ipejjep sigarett. Qal illi ra u sema lil Charles Farr jidgħi fejn il-vann.

> *U beda jidgħi. Barra mill-ħanut biex niftiehem.*[22]

---

[16] **DOK.CF4-CF9.**
[17] Fol.25-29
[18] Fol.27
[19] Fol.29
[20] Ibid
[21] Fol.31-37
[22] Fol.33

Ix-xhud qal illi ma kellux idea għalfejn Farr kien qed jidgħi. Ix-xhud kompla jispjega illi hu daħal lura fil-ħanut u niżel isfel biex ikompli xogħlu. Qali illi niżel Farr li beda jdaħħal xi *code* fil-kompjuter. Wara ftit niżel l-imputat li qal lil Farr:

> *....bħal speċi toqgħodx tidgħi barra fejn il-ħanut u hekk, għax bħal speċi reklam ħażin. U ħareġ kaxxa Charlie Farr biex imorru itih biha. U Adrian beda jiġrilu mal-ħanut biex bħal speċi ma jiġux fl-idejn. Imbagħad spiċċa Adrian tela fuq u telaq jiġri warajh fuq biex jiġu fl-idejn u spiċċaw ġew fl-idejn fuq.*[23]

In kontro-eżami qal illi kien semagħhom jiġġieldu, rahom jiġru wara xulxin u tela' fuq biex iferraqhom. Iżda kienu leħqu ferrquhom oħrajn. Kompla jispjega illi kien hemm is-Sur Manwel. Meta kienu għadhom isfel u Farr ħareġ kaxxa "*minn dawk tal-plastik tal-għodda*" għall-imputat, ix-xhud kien ipprova jara kif jagħmel biex forsi jeħodlu dik il-kaxxa.

**Emanuel Grech,[24]** missier l-imputat għażel li jixhed u qal illi dakinhar tal-inċident kien qiegħed fuq meta Amanda Gauci, waħda mis-*sales girls,* għajtitlu u qaltlu biex jinżel isfel għax kienu qegħdin jiġġieldu. X'ħin niżel sab "*lil Adrian u lis-sur Farr magħqudin ma' xulxin."*[25] Kompla jispjega illi "*kienu close ta' xulxin....it-tnejn f'daqqa kienu ma' xulxin.":*[26]

**Parte Ċiv:** *Ejja nibdew bis-sur Farr, kif kien qed jaqbad lit-tifel tiegħek?*
**Xhud:** *Kien qed jaqbdu minn nofsu u qed jgħollih.....Jien qbadt lit-tifel tiegħi.*
**Parte Ċiv:** *Minuta ħa nkompli nsaqsik, it-tifel tiegħek min-naħa tiegħu kif kien qed jaqbad lis-sur Farr?*
**Xhud:** *Kien qed itih.*[27]

Ix-xhud kompla jispjega illi dak il-ħin kien hemm in-nies iżda ma kienx jaf eżatt min kien hemm. Kien hemm impjegati u nies jixtru. Ix-xhud qal illi qalilhom biex iferrqu lil dawk it-tnejn li kienu qegħdin jiġġieldu. Hu qabad lil ibnu u mbottah lejn naħa u lavrant imbotta in–naħa l-oħra:

**Xhud:** *Lis-sur Farr għedtlu biex joħroġ barra għax kien hemm in-nies panic. Bl-istorbju li beda jidgħi......u għidtlu għalfejn għamilt hekk? Qalli għax qabżitli, tridni nwasslek x'imkien qalli le u telaq.*
**Parte Ċiv:** *Għalfejn tlabtu biex twasslu x'imkien?*
**Xhud:** *Għax beda jżomm imnieħru.*
**Parte Ċiv:** *U għalfejn beda jżomm imnieħru?*
**Xhud:** *Għax kellu d-demm f'imnieħru.*

---

[23] Ibid
[24] Fol.38-47
[25] Fol.40
[26] Ibid
[27] Fol.40-41

> **Parte Ċiv:** *U d-demm minn fejn ġie?*
> **Xhud:** *Issa ma nafx minn fejn ġie, beda jżomm imnieħru s'hemm nista' ngħid.*[28]

Ix-xhud kompla jispjega illi ibnu ma kellux dmija, iżda kellu xi grif. Rigward Farr, ix-xhud kompla jispjega illi kien qiegħed iżomm imnieħru b'*tissue.*

In kontro-eżami, ix-xhud qal illi wara l-inċident qabad lil Farr bil-kwiet u ħarġu barra flimkien. Farr daħal fil-vann biex jitlaq u meta x-xhud saqsieh għalfejn kien għamel hekk, dak wieġbu, "*għaliex qabzitli.*"[29]

**Samuel Xerri,**[30] li kien jaħdem bħala *salesman* ma' *E. Grech Cristal Bath Ltd.* fiż-żmien tal-inċident, qal illi kienet inqalgħet ġlieda bejn l-imputat u l-allegat vittma għax kien hemm xi ħaġa mhix qed taħdem sewwa fis-sistema tal-kompjuter jew għax forsi kien hemm xi relazzjoni mhux għaddejja sew. Ix-xhud spjega illi:

> *Inqala' l-argument u beda minn isfel jekk mhux sejjer żball u bdew jargumentaw bejniethom imbagħad telgħu fuq il-ground floor fejn komplew jargumentaw fejn imbagħad dħalt jien biex nifridhom...*[31]

Kompla jispjega illi meta għall-ewwel inqalgħet il-kommossjoni isfel, beda jisma' l-għajjat u niżel biex jara u hemm ra lill-imputat fuq in-naħa ta' wara fejn kien hemm il-*cash register* wara l-*perspex* u "*Charlie*" kien quddiem. Ix-xhud qal illi bdew jitgħajjru u mbagħad f'daqqa waħda bdew jitqabdu flimkien. Daħal impjegat ieħor, Christian McKay, biex jifridhom u wara telgħu fuq. Imbagħad, kif tela' Charles Farr komplew jargumentaw u reġgħu tqabdu flimkien u x-xhud daħal biex jifridhom. Kompla jispjega:

> *Ovvjament il-problema kienet li spiċċaw jiġġieldu fuq il-madum u l-maduma xi ħaġa taqta' u kien hemm il-ġlieda bejniethom.*[32]

Ix-xhud qal illi Charlie kien spiċċa bid-demm ma' wiċċu minn imnieħru. Qal ukoll illi kien preżenti għall-biċċa tal-argument t'isfel wara li sema' l-kommossjoni u niżel. Imbagħad kien preżenti għall-biċċa ta' fuq. Kien preżenti wkoll Christian McKay u fuq "*mhux ċert jekk niżilx Manuel Grech.*"

Ix-xhud ikkonferma dikjarazzjoni li kien ta ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara fit-23 ta' Lulju, 2022.[33] F'dik id-dikjarazzjoni, ix-xhud kien qal illi dakinhar tal-inċident filgħodu Charles Farr kien mar ix-*showroom* ta' Birkirkara u kien "*bir-*

---

[28] Fol.43
[29] Fol.46
[30] Fol.111-123
[31] Fol.112
[32] Fol.113
[33] Fol.124

*rawa f'ħalqu."* Ix-xhud qal illi kien ipprova jiċċajta miegħu imma l-ieħor ma kellmu xejn. Imbagħad ix-xhud sema' lil Farr jidgħi u niżel isfel. Kompla jispjega illi Farr kien qiegħed igerger fuq il-ġurnata ta' qabel għax kien mar iħott xi xogħol u l-*istore* kien magħluq. Imbagħad beda jgħid li *"m'hemm xejn sew, u kollox ħażin u s-sistema ħażina."* Dak il-ħin inzerta wasal Grech li niżel isfel biex jgħid lil Farr x'kien ġara l-ġurnata ta' qabel u *"għalfejn kien ċempillu u faqalu t-telephone bid-dagħa."* Imbagħad kompla jistqarr, *"x'ħin staqsih Charles infaqa', beda jagħjru u jidgħi. Umbad kien se jaqbad il-monitor tal-kompjuter u jixħitulu u f'kemm ili ngħidlek Charles ħareġ minn wara l-bank u qabad ma' Adrian."* Ix-xhud stqarr li rnexxielu jifridhom u Grech tela' fuq imma baqgħu jgħajjtu ma' xulxin minn fuq għal isfel. Meta Grech reħa' niżel sa nofs it-taraġ, ix-xhud ma ħalliex jinżel u reġa' tela' 'l fuq. Imbagħad kompla jispjega kif Farr:

> *tela'... għalih u f'kemm ili ngħidlek Charles reġa' qabad lil Adrian u tefaw kważi fuq il-madum. Letteralment qabdu u tefaw fuq il-madum. Spiċċa mgħawweġ b'dahru fuq il-madum. Umbad Adrian gidmu eh. Gidimlu mnieħru....Ngħid illi kien għadu qiegħed iżommu lil Adrian meta dan gidmu. Kif rajt li reħieh ftit jien ġbidt lil Adrian u Manuel ġibed lil Charles Farr u fridniehom. Huma damu bejn 3 sa 5 minuti imqabbdin ma' xulxin imma Adrian qisu l-aħħar nofs sekonda gidmu.*

Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2024 ix-xhud ikkonferma li kien ra lil Grech jidħol mill-*ground floor* u jinżel isfel. Meta x-xhud niżel isfel, is-sitwazzjoni bejn Farr u Grech kienet għadha verbali. Ix-xhud iċċara illi Farr mar jiġri wara Grech *"mhux...biex jaqbdu mar biex ikomplu jilletikaw."*[34] Kompla jispjega illi kienu spiċċaw jiġġieldu fuq il-madum u Farr kien tefa' lil Grech *"litteralment dahru fuq il-madum ...u Adrian spiċċa dahru mal-madum u l-madum 120 by 60 madum kbir u jaqta' ħafna."*[35] Mistoqsi jekk kienx ra l-gidma ssir, ix-xhud qal illi dak il-ħin kien qiegħed jipprova jifridhom. Kompla jgħid illi Grech kien dahru 'l isfel fuq il-madum, waqt li Farr kien fuqu. Kompla jikkjarifika illi:

> *...fix-showroom ....hemm sensiela ta' madum kbir u hemm iktar minn waħda hemm sensiela ta' tnax jekk mhux sejjer żball illi huwa madum li jaqta u jweġġa ħafna.*[36]

Ix-xhud ikkonferma illi meta gidem lill-allegat vittma, l-imputat kien għadu fuq il-madum:

> **Qorti:** *Kien qiegħed dahru fuq il-madum.*
> **Xhud:** *Eżatt.*
> **Qorti:** U dak il-ħin Farr fejn kien qiegħed?
> **Xhud:** Fuqu
> .........

[34] Fol.118
[35] Fol.119
[36] Fol.120

**Qorti:** *"Madum" ta' mal-art qed nitkellmu?*
**Xhud:** Le l-madum huwa sensiela ta' madum wieqaf.
**Qorti:** *Il-madum dak li jkun fix-showroom.*
**Xhud:** *Eżatt ikun slanting hekk......Eżatt u hemm display fin-nofs u hemm madum qisu taraġ.*
**Qorti:** *Mela hemmhekk f'xi ħin inbidlu l-pożizzjonijiet?*
**Xhud:** *Le.*
**Qorti:** *Dejjem Adrian baqa' b'dahru mal-madum għalhekk qed tgħidli li jaqta'.*
**Xhud:** *Eżatt għalhekk għedtlek li jaqta'.*
**Avukat:** *Ok jiġifieri niċċaraha ħadd ma kien mal-art u ma kinux qed jitremblu mal-art biex niftehmu.*
**Xhud:** *Le.*[37]

**It-Tabib Ian Baldacchino** ikkonferma ċertifikat maħruġ minnu fil-25 ta' Marzu, 2022 fil-ħamsa ta' waranofsinhar fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara li permezz tiegħu iċċertifika li Charles Farr kien sofra *"superficial laceration over the nose, abrasions over the right side of the face"* u għamel nota illi *"x-ray of the right thumb and back to be performed to exclude fractures."*[38] In-natura tal-ġrieħi kienet gravi minħabba t-tiċrita fuq wiċċ il-pazjent.

In kontro-eżami, ix-xhud qal illi ma kienx kiteb minn fejn setgħet ġiet dik il-*laceration* u ma' xiex kienet kompatibbli. Mistoqsi jekk *laceration* setgħetx tkun magħmula b'xafra u allura dritta u nadifa jew imqatta', jiġifieri raffa, ix-xhud spjega illi *laceration* tkun *"tiċrita fil-ġilda ftit fonda,"* kemm jekk *clean cut* u kemm jekk *jagged.*

Ix-xhud qal li ma kien jiftakar xejn partikolari dwar il-każ. Lanqas ma għaraf lill-imputat fl-awla.

**It-Tabib Mario Scerri,** inkarigat mill-Qorti biex jeżamina lill-allegat vittma, qal illi wettaq l-inkarigu fis-17 ta' April, 2023. Ix-xhud spjega illi waqt l-allegata aggressjoni, Charles Farr safa migdum f'imnieħru. Wara kien mar il-*policlinic.* Ix-xhud ikkonferma li ma ttieħdux *x-rays.* Il-pazjent kellu ċikatriċi fuq l-imnieħer riżultat ta' laċerazzjoni li setgħet tkun kompatibbli ma' gidma fuq l-imnieħer. Dik iċ-ċikatriċi għalkemm kienet tidher ma kinitx daqshekk konspikwa u *from within talking distance.* Ix-xhud ippreżenta rapport dwar l-eżami mediko-legali li kien għamel fuq l-allegat vittma.[39]

**It-Tabib John Zammit Montebello**[40] ikkonferma ċertifikat maħruġ minnu fil-1 ta' Lulju, 2020 li permezz tiegħu ippreskriva mediċina lil Charles Farr

[37] Fol.121
[38] Fol.67
[39] Fol.49B-59
[40] Fol.95-97 u **DOK CF1** a fol.17

minħabba li kien qiegħed ibati minn ansjetá u dipressjoni. Ix-xhud spjega illi l-pazjent kien qallu li kellu problemi ta' xogħol. It-tabib kien ra lill-pazjent darba minħabba dik il-problema.

<u>*Xhieda tal-imputat*</u>

L-imputat ikkonferma illi xogħlu kien fil-*management* ta' AEK Bathrooms. Charles Farr kien jaħdem bħala *sales rep* ma' AEK Grech Bros u xogħlu kien li jdur il-fabbriki u l-ħwienet taż-żebgħa biex jagħmel *sales* fuq barra tal-ħanut.

Ix-xhud spjega kif jum qabel l-inċident in kwistjoni kien qiegħed *meeting* fuq xogħol ġewwa Għawdex meta rċieva "*telefonata eċitata*" mingħand Farr li kien mar biex iħott xi *bathroom cabinets* ġo l-i*store* fi Triq il-Parilja, Santa Venera u apparentement l-i*storekeepers* kienu isfel u ma semgħuhx. F'dik it-telefonata kien hemm "*ħafna għajjat* [minn Farr] *fuq it-telephone u kliem pastaż li ma jistax jibqa' sejjer hekk.*" Ix-xhud qal illi peress li dak il-]in kien qiegħed juri xi *sample* tat-*tiles* lin-nies u beda jinstema' kollox fuq it-*telephone* "*mbagħad qtajt. Jew qata' t-telephone jew qtajt whatever.*"[41] Ix-xhud kompla jispjega illi ried iwaqqaf dik it-telefonata kemm jista' jkun malajr.

L-għada, ix-xhud spjega illi kien fil-ħanut fi Triq Psaila, Birkirkara li dak iż-żmien kien imqassam fuq tliet sulari. Spjega kif kien hemm erba' tarġiet fuq barra li kienu jwasslu għall-*ground floor* fejn kien hemm ix-*showroom* tal-*bathrooms* u *tiles.* Minn hemm kont tinżel isfel fejn hemm il-*hardware section.* Fis-sular ta' fuq kien hemm *bathrooms* ukoll. Dakinhar, ix-xhud kien qiegħed fil-*groundfloor level* jaqdi lin-nies meta sema' kommossjoni ġejja minn isfel, "*ħafna kliem pastaż*" u "*għajjat.*" Meta niżel isfel biex jara x'ġara sab lil Farr li kien "*eċitat jiġifieri u aggressiv*" għax ma setax idaħħal xi *code* fil-kompjuter. Beda jgħajjat u jidgħi u beda jgħid li ma setax jibqa' sejjer hekk u li kienet qabżitlu. Ix-xhud beda jgħidlu biex jikkalma. Kompla jispjega illi fil-passat diġà kellhom problemi għax Farr kien isir aggressiv, tant li kollegi femminili kienu "*jibżgħu naqra minnu għax hu kien fi stat forsi daqsxejn miskin jew hekk...*"[42] Imbagħad dak il-ħin, Farr kien għolla l-*keyboard* u beda jhedded "*inkissirha fuqek.*" Imbagħad kien hemm xi kaxex tal-għodda tad-*DeWalt* u Farr beda jgħolli u jsabbat fil-konfront tal-imputat għax beda jgħidlu biex jieqaf. Bdew jgħidulu biex jekk hemm bżonn, imur id-dar u jistrieħ. Dak il-ħin kien hemm wieħed mis-*sales reps* jismu Samuel li kien qiegħed hemm isfel, flimkien ma' impjegat ieħor jismu Christian, li ukoll bdew jgħidu lil Farr biex jikkalma. Samuel beda jżommu biex ma jħebbx għax-xhud.

---

[41] Fol.139
[42] Fol.143

*Fil-fatt jiena bdejt niġri anke bejn l-ixkaffar biex nevitah....Għax beda jipprova jiżgiċċalhom milli jżommuh huma....Jipprova jiġi għalija.*[43]

L-imputat kompla jgħid illi hu kien qal lil Farr biex jikkalma u mbagħad jitkellmu u tela' fuq fil-*groundfloor level* u beda jaqdi xi klient. Beda jdoqq it-*telephone* u l-imputat ħareġ minn barra l-bank u qabad it-*telephone* minn barra l-bank. Kompla jispjega:

*...u kif dort insib lil Charlie Farr kellu kaxxa tad-Dewalt ġo jdejh u ħa jagħti biha....U dort jien u mbagħad qabadni.....u nħsadt u kif dort kont għadni fuq it-telephone u kien hemm il-klijent. U qabadni hekk imbagħad.....From the front."*[44]

Ix-xhud spjega illi hu u Farr kienu sider ma' sider u dirgħajn Farr kienu *shoulder height* miegħu. Kompla jgħid li *"qabadni hekk u urzani."*

| | |
|---|---|
| **Avukat:** | *...Dirgħajk x'ġara minnhom?* |
| **Xhud:** | *Ma stajtx niddefendi ruħi għax kont qed imwaħħal hekk.* |
| **Qorti:** | *Idejh marsusin minħabba li kien hemm dan l-abbraċċament.* |
| **Avukat:** | *Mela hu dawrek b'dirgħajh u ħa ngħidu hekk illokkjalek dirgħajk.* |
| **Xhud:** | *Eżatt.* |
| **Avukat:** | *Imbagħad għidtilna li urzak xi ftit.* |
| **Xhud:** | *Urzani ftit ehe.* |
| **Avukat:** | *U x'għamel?* |
| **Xhud:** | *U elevani u beda jiġri bija....Ma kienx hemm ħafna fejn jiġri xi metre. .... Warajja kien hemm it-tiles. ....Kullimkien tiles mikxufin bil-ponta......Samples tal-madum. U refagħni u jiġri bija għal fuq il-madum u l-uniku ħaġa li kelli nagħmel li lanqas naf kif ġietni f'moħħi li jiena....* |
| **Avukat:** | *Idejk x'għamilt bihom?* |
| **Xhud:** | *Idejja ma stajtx naqlagħhom imwaħħlin kienu.* |
| **Avukat:** | *Allura x'ġiek f'rasek f'dak il-ħin?* |
| **Xhud:** | *Biex nipprova jew nigdmu u din tal-anqas without thought, without nothing.*[45] |

L-imputat kompla jispjega illi hekk kif Farr kien qiegħed miexi bih lejn il-madum, dik kienet l-unika ħaġa li ġiet f'rasu dak il-ħin biex ma jispiċċax bit-*tiles* ġo dahru. Dak il-ħin Samuel beda jiġbed lil Farr biex ma jaqax bix-xhud b'kollox għaliex l-istess xhud kien jispiċċa bil-madum ġo dahru. Samuel beda jgħid lil Farr *"ieqaf, ieqaf."* L-istess xhud ukoll beda jgħidlu biex jieqaf.

| | |
|---|---|
| **Xhud:** | *U beda jiġbdu u mbagħad niżlu l-oħrajn u sseparawh minn fuqi u bil-moviment xi tiles minn mal-ġnub jiġifieri nkissru.* |
| **Avukat:** | *"Inkissru" għax xiex?* |

[43] Fol.146
[44] Fol.148-149
[45] Fol.149-151

**Xhud:** *Għax intlaqtu bl-imbuttar tiegħu. U jiġifieri dik gravi għax tiġi ponta. Parti 90º tiġi ponta. Luckily li jiena...*[46]

Ix-xhud qal illi missieru, li kien niżel waqt l-inċident u beda jipprova wkoll jiġbed lil Farr, wara l-akkadut kien saqsa lil dak l-impjegat għalfejn kien għamel hekk u dak wieġbu li l-imputat kien qabbiżhielu. Imbagħad Farr kien telaq minn fuq il-post.

Ix-xhud kompla jispjega illi hu mill-ewwel kien iċċekkja għall-*cameras* imma dak iż-żmien kienu qegħdin jinstallaw *lift* ġdid u l-*installer* kien qata' l-*wire* tal-*cameras.* Qal illi kien saqsa lil oħtu u li lanqas kienu jafu li l-*cameras* ma kinux qegħdin jaħdmu dak il-ħin. Wara dak l-inċident, l-allegat vittma kien imkeċċi mix-xogħol fuq bażi ta' *misconduct.* Ix-xhud kompla jispjega illi s-Sibt ta' wara l-inċident kien beda juġgħu dahru waqt li kien Għawdex u mar il-Policlinic t'hemmhekk fejn ingħata xi ngwent.

Rigward l-allegat vittma, l-imputat qal illi setgħu tawh is-sensja qabel peress illi kien hemm xi klienti li bdew jgħidulhom li lil Farr kienu qegħdin jarawh eċitat u aggressiv. Kien ilu ħames snin jaħdem magħhom u kienu jipprovaw iżommu lill-impjegati bħala ħbieb tagħhom u tal-familja tagħhom. Iżda kienu daħħlu impjegata oħra sabiex jippreparaw għall-eventwalita` li Farr jieqaf jew jitneħħa.

In kontro-eżami, l-imputat qal illi fil-ħin tal-incident hu kien qiegħed jaqdi klient. Missieru kien fl-uffiċju fuq, xi sittin jew sebgħin pied 'l bogħod minn fejn seħħ l-inċident. Iż-żewġ impjegati l-oħra, Samuel u Christian, kienu qegħdin isfel għall-ewwel. Ma kienx jaf eżatt fejn kienet l-impjegata oħra, Amanda, jekk kinitx isfel jew fuq, iżda x'aktarx li kienet ġox-*showroom.* Din kienet għadha impjegata tal-kumpanija tal-imputat iżda t-tnejn l-oħra le.

L-imputat qal illi wara l-inċident kien mar għand il-Pulizija għaliex bagħtu għalih minħabba rapport illi hu kien allegatament aggredixxa lil Farr. Ikkonferma illi hu ma kienx mar minn jeddu jagħmel rapport kontra Farr. Mistoqsi jekk hu jew xi ħadd ieħor mill-kumpanija kienux ħadu passi dixxiplinari kontra Farr, ix-xhud wieġeb li ma kienux ittieħdu l-ebda passi drastiċi. La kienu tawh *warnings,* la ssospendewh, la naqsulu l-paga u lanqas irrapportawh ma' xi ħadd. Spjega illi Farr kien iqatta' ħafna ħin fil-ħanut l-ieħor tal-Marsa. Ftit qabel l-inċident in kwistjoni, Farr kien ta n-*notice.* L-imputat ikkonferma illi huma kienu insistew miegħu biex ma jitlaqx u kienu żieduh fil-paga wkoll. Kompla jispjega illi meta gidem lil Farr, kien b'għajnejh magħluqin u lanqas kien jaf x'qabad. Ix-xhud qal illi l-allegat vittma kien "*aggressive. Ħafna*

---

46 Fol.154

*aggressive eh"* u qabad lill-imputat *"b'ħafna saħħa għax Charlie Farr b'saħħtu."*[47] Fil-fatt missier l-imputat qal li kien ta lil Farr daqqa fuq dahru biex jitilqu. Waqt l-inċident intervjenew iż-żewġ impjegati l-oħra, Samuel u Christian, kif ukoll missier l-imputat biex iferrquhom. Dak il-ħin kien hemm ukoll xi klijenti. L-imputat spjega illi kien qiegħed juri pompa tal-*flushing* lil xi klijent iżda ma kienx jaf x'kien jismu dak il-klijent u lanqas ma ġietu f'moħħu li joħodlu ismu u kunjomu.

Mistoqsi għalfejn ma kienx telaq 'l hemm meta ra lil Farr ġej, l-imputat wieġeb:

> *Ma stajtx nitlaq għax jien kont bejn desk u desk.*[48]

L-imputat ċaħad illi kien imblokka l-aċċess tal-allegat vittma meta dan tela' fuq biex joħroġ mill-ħanut biex ikompli fuq xogħlu. Kompla jispjega illi kien laqa' l-kaxxa tal-għodda li l-allegat vittma kien sejjer għalih biha. Stqarr illi ma kienx ħa ritratti ta' dik il-kaxxa u lanqas tal-madum li nkiser.

**Louis Buhagiar,**[49] rappreżentant ta' JobsPlus, ippreżenta kopja tal-*employment history* ta' Charles Farr. Ix-xhud ikkonferma li l-impjegat kien tkeċċa minn ma' AAK Grech Bros *for disciplinary reasons.* Dik id-deċiżjoni ma kinitx kontestata.

**Steve Philip Borg,** rappreżentant tad-DIER, ikkonferma illi d-dipartiment ma kellu l-ebda *record* li qatt infetaħ xi każ mingħand Charles Farr.[50]

**Mark Micallef Costa,** Assistent Direttur mat-Tribunal Industrijali, ikkonferma illi ma kienu saru l-ebda proċeduri quddiem it-Tribunal minn Charles Farr.[51]

**Ikkunsidrat;**

Il-każ jikkonċerna inċident vjolenti bejn imgħallem u wieħed mill-impjegati tiegħu proprju fuq il-post tax-xogħol, sewwasew ġewwa stabbiliment kummerċjali fejn dak il-ħin kien hemm impjegati oħra u klijenti li kienu marru biex jinqdew. L-inċident *per se* jidher li kellu retroxena aktar kumplessa, b'relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet li tidher li kienet ilha tiddeġenera fuq tul ta' żmien u li fl-aħħar sabet ix-xrara li kebbset ħuġġieġa li rriżultat fil-proċeduri odjerni. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddilunga fuq tali retroxena, iżda jeħtieġ li tieħu konjizzjoni tagħha sabiex tifhem aħjar l-aġir taż-żewġ partijiet li wassal proprju għall-inċident mertu ta' din il-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti

47 Fol.165
48 Fol.168
49 Fol.173-175 u **DOK.JP** a fol.176-177
50 Fol.178-179
51 Fol.180-181

sejra tibda billi tagħti ħarsa ħafifa lejn l-isfond ta' dan l-inċident mhux biss għaliex dan kellu impatt dirett fuq dak li seħħ bejn l-imputat u l-parte ċivile dakinhar, iżda wkoll għaliex huwa fattur importanti li l-Qorti għandha tikkonsidra biex tifhem aħjar id-dinamika tal-inċident. Hekk biss tista' tiżen u tgħarbel il-provi sabiex tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-każ sal-grad rikjest mil-liġi.

Il-Qorti għandha quddiemha xenarju fejn impjegat, ċioe` il-parte ċivile Charles Farr, jidher li kien imdejjaq fuq il-post tax-xogħol fejn kien ilu madwar ħames snin bħala salesman mal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Ltd., proprjetà tal-familja tal-imputat. Skond dak li hu stess stqarr mal-pulizija meta *a tempo vergine* mar jagħmel rapport dwar l-inċident u kif reġa' kkonferma meta xehed quddiem il-Qorti, kif preċedentement preseduta, Farr kien ilu jibni ġewwa fih tensjoni u rabja minħabba "*problemi*" u "*nuqqasijiet*" relatati mal-andament tax-xogħol li baqgħu qatt ma ssolvew u li ġiegħluh iħossu "*ħażin ħafna.*" Dan l-animu tal-parte ċivile kien rifless b'mod ċar ħafna fix-xhieda tiegħu fejn ir-referenza għal tali "*problemi*" donnha kienet il-*leit motif* tal-verżjoni li ta dwar l-inċident u dak li wassal għalih. Meta jum qabel l-inċident, il-parte ċivile sab ma' wiċċu intopp fil-qadi ta' dmirijietu, kompliet tikber fih il-frustrazzjoni u r-rabja li baqa' jġorr miegħu sal-għada. Tali rabja tidher li kienet diretta b'mod partikolari lejn wieħed mill-imgħallmin tiegħu, jiġifieri l-imputat. Fil-fatt, fir-rapport li għamel dakinhar stess tal-inċident, l-allegat vittma stqarr illi fil-jum ta' qabel kien "*irrabjat ħafna*" tant li ċempel lill-imputat u kellmu "*naqra mhux ħażin.*"[52] Jidher li baqa' jberren sal-ġurnata ta' wara, għaliex wieħed mill-kollegi tiegħu ddikjara illi dakinhar tal-inċident filgħodu, Farr kien għadu lanqas biss rifes ġewwa x-*showroom* ta' Birkirkara meta deher li kien "*bir-rawa f'ħalqu*" u "*jidgħi....igerger fuq il-ġurnata ta' qabel...*".[53] Impjegat ieħor li kien barra l-ħanut ipejjep sigarett, xehed illi dakinhar kien sema' lil Farr "*jidgħaj fejn il-vann.*"[54]

L-inċident *de quo* żvolġa f'żewġ fażijiet. Wara li Farr daħal fil-ħanut u niżel fil-*basement* fejn kien hemm il-*hardware section,* kien qiegħed jipprova jdaħħal xi *code* fil-kompjuter meta niżel l-imgħallem, ċioe` l-imputat, u qallu biex ma joqgħodx jidgħi barra l-ħanut, dan skond il-verżjoni ta' impjegat ieħor li kien ix-xhud okulari ewlieni ta' dak l-ewwel skontru bejn Farr u Grech.

> *U ħareġ qabad kaxxa Charlie Farr biex imorru itih biha. U Adrian beda jiġrilu mal-ħanut biex bħal speċi ma jiġux fl-idejn.....*[55]

---

[52] Fol.76
[53] Fol.124
[5454] Fol.32
[55] Fol.33

Impjegat ieħor li mar jara x'inqala' meta sema' dik il-kommossjoni kollha isfel, qal illi kien ra:

> *...lil Adrian Grech fin-naħa ta' wara fejn hemm il-cash register wara l-perspex u Charlie quddiem u bdew jitgħajjru mbagħad f'daqqa waħda ntqabdu flimkien.*[56]

Dik l-ewwel fażi tal-inċident intemmet wara li intervjena wieħed mill-impjegati biex firidhom u Grech reġa' tela' fuq waqt li l-imputat kompla b'xogħlu isfel. Iżda s-sitwazzjoni tidher li reġgħet xegħlet u eskalat meta Farr tela' fil-*groundfloor* fejn l-imputat kien qiegħed jaqdi xi klijent. Skond Samuel Xerri, wieħed minn żewġ impjegati li ntervjenew biex iwaqqfu l-ġlied bejn l-imgħallem tagħhom u l-kollega Farr:

> *..imbagħad kif tela' Charlie Farr u Adrian Grech komplew jargumentaw, reġgħu tqabbdu flimkien imbagħad dħalt jien nifridhom. Ovvjament il-problema kienet li spiċċaw jiġġieldu fuq il-madum u l-maduma xi ħaġa taqta' u kien hemm il-ġlieda bejniethom.*[57]

*<u>Verżjonijiet kuntrastanti</u>*

Il-Qorti sabet quddiemha mhux biss il-verżjoni tal-parte ċivile u tal-imputat, li għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti kif preseduta, iżda wkoll il-verżjonijiet ta' impjegati oħra u ta' missier l-imputat li kienu preżenti fi stadji differenti tal-inċident.

Farr stqarr illi kien ilu ħames snin għaddej bi problemi minħabba s-sistema tal-kompjuter u l-i*stock* li ma kienx qiegħed sew u "*dejjem ħa jirranġaw*" iżda ma kien isir xejn. Rigward l-imputat qal:

> *Ma kontx nistikkjah għax kull meta jiġi jew irid iqabbdek jagħmel xi ħaġa, jien kont naħdem suppost mit-tmienja sal-erbgħa u dejjem nispiċċa mis-sitta sas-sitta sas-sebgħa ta' filgħaxija xogħol.*[58]

Kompla jgħid illi l-imgħallem kien dejjem jgħidlu illi "*l-affarijiet se jitranġaw dejjem jivvinta u jgħid li ħa jibdlu s-sistema tal-kompjuter, u l-vannijiet ħa jinbidlu ....kont ħażin ħażin ħafna għaddej b'din il-problema dejjem nispiċċa mmur id-dar fis-sitta ta' filgħaxija minħabba dawn in-nuqqasijiet li għandhom.*"[59] Farr kien ukoll donnu waħħal fl-imputat minħabba kontrattemp li seħħ lejliet l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri meta, wara li ntalab biex iwassal xi merkanzija fl-i*stores*

---

[56] Fol.113
[57] Ibid
[58] Fol.10
[59] Fol.11

tal-kumpanija ġewwa Santa Venera, ħadd ma fetaħlu meta wasal hemmhekk. Dak in-nuqqas kien irrabja mhux ftit lil Farr li spjega:

> *.....ta' l-istores ma kienx hemm kienu isfel terga' ħadd ma jaf xejn li jiena ħa mmur hemmhekk għax dejjem jgħidlek illi ħa jsib kollox lest. U fil-fatt ma jkun veru xejn u xbajt u kull darba jigdiblek jivvintalek.*[60]

Kien proprju għalhekk illi ċempel lill-imputat b'rabja kbira biex jgħidlu li ma felaħx aktar .

> *Xbajt ma bdejtx nara u ngħid dak il-ħin u tlaqt lejn id-dar....*[61]

Meta l-għada mar għax-xogħol, kellu jmur fil-ħanut ta' Birkirkara biex jiġbor xi prodotti għal xi klijenti u hemmhekk sab lill-imputat.

> *U kif rani hemm mill-ewwel ħa jibda jparla fuq fuq li ġara ġimgħa filgħaxija u bdejt ngħidlu itlaq 'l hemm għax ma ma flaħtux. U jibqa' jibqa' jrid jgħid u jara x'ħa hi x'ħa jgħidlek u fuq xiex ħa jgħajrek u fuq xiex. U spiċċajna kellna naqra xi ngħidu spiċċa naqra fl-idejn ftit xejn xejn kbir, jiġifieri għax jiena fl-istess ħin ma rrid inweġġa' lil ħadd imma tant hija jagħmillek illi tipprova ppruvajt biex jitlaq 'l hemm.*[62]

Dan kien ix-xenarju li ta bidu għall-konfront bejn il-partijiet. L-inċident li kien seħħ il-ġurnata ta' qabel kienet evidentement qanqal fil-parte ċivile ċerta frustrazzjoni u rabja li ġarr miegħu fuq il-post tax-xogħol l-għada, tant li qabel ma kien għadu biss daħal ġewwa l-istabbiliment, kien qiegħed jidgħi barra ħdejn il-vann. Samuel Xerri, kollega tiegħu dak iż-żmien, innota l-istat ta' Farr u stqarr illi kien wasal "*bir-rawa f'ħalqu*" tant li meta pprova jiċċajta miegħu ma kellmu xejn iżda semgħu jidgħi meta niżel fil-*basement.* Xerri stqarr illi kien sema' lil Farr igerger "*fuq il-ġurnata ta' qabel għax kien mar iħott xi xogħol u l-istore kien magħluq.*"[63]

Il-Qorti tosserva illi l-verżjoni tal-parte ċivile dwar id-dinamika tal-inċident tikkontrasta f'ċerti dettalji mal-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda l-oħra, oltre dik tal-imputat. Fl-ewwel lok, Farr imkien ma semma' li kien qiegħed jidgħi barra l-ħanut qabel ma beda l-argument verbali mal-imgħallem. Qal biss illi Grech kien mar "*ħa jibda jparla*" fuq li kien ġara lejliet u li hu ried ikompli b'xogħlu. Impjegat ieħor, Christian McKay, li sema' lil Farr jidgħi barra ħdejn il-vann, qal illi hu kien preżenti fil-*basement* meta Grech mar jgħid lil Farr biex ma joqgħodx

---

[60] Fol.11
[61] Fol.12
[62] Ibid
[63] Fol.124

jidgħi barra *"għax bħal speċi reklam ħażin."*[64] L-impjegat l-ieħor, Samuel Xerri, kien iddikjara mal-pulizija illi Grech niżel isfel biex isaqsi lil Farr dwar dak li ġara l-ġurnata ta' qabel *"u għalfejn kien ċempillu u faqalu it-telephone bid-dagha."*[65] Din il-verżjoni ta' Xerri fil-fatt tikkorrobora l-verżjoni ta' Farr iżda ma teskludix il-fatt li Grech seta' wkoll widdeb lil Farr biex ma joqgħodx jidgħi barra.

L-allegat vittma qal illi hu niżel fil-*basement* biex jipprepara xi karti tax-xogħol u kompla jispjega illi waqt li kien hemm isfel, Grech beda jmur jiċċekkja biex jara jekk kienx għadu hemm. Semma' wkoll xi *"immigrant"* li kien jaħdem magħhom u li qal lil Grech li *"Charlie"* kien telaq. Fil-fatt, skond Farr, dan kien qed jirreferi għal impjegat ieħor jismu Charlie u mhux għalih. Il-Qorti tosserva illi dan id-dettall ma ssemma' mill-ebda xhud ieħor. Dettal ieħor li ma semmiex il-parte ċivile kien dak li ddeskriva Xerri meta ta l-verżjoni tiegħu ftit wara l-akkadut. Hu qal illi meta Grech saqsa lil Farr dwar it-telefonata tal-jum ta' qabel, dak *"infaqa', beda jgħajru u jidgħi. Umbad kien se jaqbad il-monitor tal-komputer u jixħitulu u f'kemm ili ngħidlek Charles ħareġ minn wara l-bank u qabad ma' Adrian."*[66] Din il-verżjoni tikkorrobora sa ċertu punt dak li xehed l-imputat meta qal illi Farr kien għolla l-keyboard u qallu *"inkissirha fuqek"* anke jekk l-imputat attribwixxa dak l-aġir għall-fatt illi Farr kien *"eċitat"* u *"aggressiv"* għaliex kellu diffikulta` b'xi *code* li kien qed jipprova jdaħħal fil-kompjuter.[67]

Skond ix-xhud okulari, Christian McKay, waqt dak id-diverbju *"qabad kaxxa Charlie Farr"* biex imur jagħti biha lil Grech li beda jiġri mal-ħanut biex *"bħal speċi ma jiġux fl-idejn."*[68] L-imputat aktar tard xehed illi Farr kien qabad *"kaxxa tad-Dewalt"* b'xi *cordless drills* u beda *"jgħolli u jsabbat"* fil-konfront tiegħu. Grech kompla jispjega: *"bdejt niġri anke bejn l-ixkaffar biex nevitah."*[69] L-imputat spjega illi dak il-ħin, Xerri u McKay bdew jipprovaw iżommu lil Farr u jikkalmawh. L-inċident waqaf hemmhekk u Grech tela' fuq. Xerri ddeskriva d-dinamika ta' dik il-parti tal-konfront b'ċertu dettal meta qal illi wara li rnexxielu jifridhom *"Minn fuq għal isfel baqaw jgħajtu ma' xulxin u Adrian niżel nofs it-taraġ reġa' imma ma ħallejtux jinżel u tela' fuq."*[70] Il-verżjoni ta' dawn iż-żewġ xhieda okulari għandha mis-sewwa u l-Qorti tqisha bħala attendibbli u oġġettiva.

L-inċident li beda fil-*basement* tal-istabbiliment bħala argument verbali, kompla u eskala ftit wara, meta Farr u Grech reġgħu ltaqgħu fis-sular ta' fuq fejn kien hemm ix-*showroom* tal-kmamar tal-banju b'ammont ta' kampjuni ta' madum

[64] Fol.33
[65] Fol.124
[66] Fol.124
[67] Fol.142-144
[68] Fol.33
[69] Fol.146
[70] Fol.124

kbir esposti għall-pubbliku. Kien f'dak ix-xenarju li l-konfront bejn l-imputat u l-parte ċivile eskala u ddeġenera fi vjolenza fiżika. F'dan l-istadju tal-inċident il-Qorti tosserva li kien hemm ukoll xi diverġenzi fil-verżjonijiet tal-partijiet u tax-xhieda okulari. Fl-ewwel lok, Farr qal illi kien l-imputat li mar għalih malli tela' fix-*showroom.*

> *Kif tlaqt insibu hemm jistennieni.S'intendi biex noħroġ minn hemm irrid noħroġ ma stajtx noħroġ minn x'imkien ieħor u spiċċa ħebb għalija.*[71]

Wieħed mix-xhieda okulari, Christian McKay, li kien għadu isfel fil-*basement* meta Grech tela' fuq, qal illi Farr "*telaq jiġri warajh.*"[72] Ix-xhud okulari l-ieħor, Samuel Xerri, jidher li kkorrobora l-verżjoni ta' McKay għaliex qal illi:

> *Umbad tela' Charles Farr għalih u f'kemm ili ngħidlek Charles reġa' qabad lil Adrian u tefaw kważi fuq il-madum.*[73]

L-imputat ta l-verżjoni tiegħu meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2025. Spjega kif, wara li tela' mill-*basement* fejn ħalla lil Farr, kien qiegħed jaqdi lil xi klijent meta daqq it-*telephone landline* u mar biex iwieġbu.

> *....u qbadt it-telephone minn barra l-bank u kif qbadt it-telephone ndur u din għandna bank u bank.....u kif dort insib lil Charlie Farr kellu kaxxa tad-Dewalt ġo jdejh u ħa jagħti biha.*[74]

Kien sewwasew f'dak il-mument li l-konfrontazzjoni laħqet il-qofol tagħha billi seħħet l-aggressjoni fiżika li wasslet għall-imputazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tosserva illi Farr ġabar il-verżjoni tiegħu dwar l-allegata aggressjoni fi ftit kliem meta qal li l-imputat "*spiċċa ħebb għalija. Hemmhekk ħatafli mnieħri b'ħalqu infatti għad għandi l-marki u ma rridx jitlaqni xejn...*"[75] Mix-xhieda l-oħra li kienu preżenti f'dak il-mument, u dan apparti l-imputat innifsu, l-aktar li tefa' dawl fuq id-dinamika tal-aggressjoni kien Samuel Xerri li fid-dikjarazzjoni li ta ftit wara l-inċident qal illi:

> *...Charles reġa' qabad lil Adrian u tefaw kważi fuq il-madum. Umbad Adrian gidmu eh. Gidimlu mnieħru. Charles għollieh u tefaw mal-madum. Ngħid li kien għadu qiegħed iżommu lil Adrian meta dan gidmu.*[76]

---

[71] Fol.13
[72] Fol.33
[73] Fol.124
[74] Fol.147-148
[75] Fol.13
[76] Fol.124

L-istess xhud xehed fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2024 fejn spjega f'aktar dettal id-dinamika ta' dik il-gidma li wasslet għal tmiem l-inċident.

**Xhud:** *Mela x'niftakar illum il-ġurnata eżatt hija li mela spiċċaw jiġġieldu fuq il-madum, tefgħu litteralment dahru fuq il-madum lil Adrian u Adrian spiċċa dahru mal-madum u l-madum 120 by 60 madum kbir u jaqta' ħafna. Bdew jitnagħqu flimkien.*
**Qorti:** *Jitremblu flimkien.*
**Xhud:** *Eżatt fejn imbagħad skond l-istatement ovvjament huwa Adrian li gidem lil Charles.*
**Qorti:** *Jiġifieri meta gidmu l-pożizzjoni inti rajtha dak il-ħin il-gidma ssir?*
**Xhud:** *Kont qed nipprova nifridhom.*
**Qorti:** *Jiġifieri int kont magħhom?*
**Avukat:** *Lil min kont qed tipprova tiġbed?*
**Qorti:** *Meta tgħid tifridhom.*
**Xhud:** *It-tnejn li huma għax dawn kienu maqbudin flimkien.....Mela dahru 'l isfel kien Adrian.*
**Avukat:** *Fuq il-madum.*
**Xhud:** *Eżatt u kien Charlie li kien fuqu.*
**Qorti:** *U hemmhekk il-madum kien wieħed li jaqta' qed tgħid inti.*
**Xhud:** *Eżatt. Mela fix-showroom biex nikkjerifika eżatt hemm sensiela ta' madum kbir u hemm iktar minn waħda hemm sensiela ta' tnax jekk mhux sejjer żball illi huwa madum li jaqta' u jweġġa' ħafna.*
**Qorti:** *Jiġifieri l-mument, ħa nsaqsihielek din jien, il-mument li s-Sur Grech gidem lis-Sur Farr*
**Xhud:** *Iva?*
**Qorti:** *Adrian kien għadu mal-art?*
**Xhud:** *Adrian kien għadu fuq il-madum.*[77]

Il-Qorti tosserva illi din ix-xhieda tikkorrobora l-verżjoni tal-imputat li spjega kif, meta kien għadu qiegħed iwieġeb it-telefonata fuq il-*landline* tal-ħanut, dar u sab lil Farr ġej għalih. Kompla jispjega li Farr qabdu, meta ġew sider ma' sider, fi speċi ta' tgħanniqa b'dirgħajn il-parte ċivile *"naħseb shoulder height u qabadni hekk u urzani.......Ma stajtx niddefendi ruħi għax kont qed imwaħħal hekk....U elevani u beda jiġri bija.....Ma kienx hemm ħafna fejn jiġri xi metre. Warajja kien hemm it-tiles.....Kullimkien tiles mikxufin bil-ponta."*[78] L-imputat ikompli jiddeskrivi x-xena u jispjega r-reazzjoni tiegħu meta sab ruħu f'dik is-sitwazzjoni fejn ma setax jaqla' jdejh li kienu *"mwaħħlin"* minn dirgħajn Farr u kif:

> *Ġieni f'moħħi ma nafx kif li nigdmu għax l-unika ħaġa li rasi biss għandi available biex jiena ma nispiċċax bit-tiles ġo dahri.*[79]

---

[77] Fol.119-120
[78] Fol.149-150
[79] Fol.152

Kienu l-impjegat l-ieħor Xerri u missier l-imputat, Emanuel Grech, li intervjenew biex jiġbdu u jifirdu lill-partijiet. Dan tal-aħħar qal illi hu kien fis-sular ta' fuq tal-ħanut meta waħda mis-*sales girls* marret tgħidlu li kienu qegħdin jiġġieldu isfel. Meta niżel sab lil ibnu Adrian u lil Farr *"magħqudin ma'xulxin."* Kompla jixhed illi Farr kien qed jaqbad lil Adrian *"minn nofsu u qed jgħollih."* Emanuel Grech qal illi hu u *"lavrant ieħor Samuel"* irnexxielhom jifirdu lil ibnu u lil Farr. Ix-xhud kompla jispjega illi wara l-inċident, Farr beda jżomm imniehru għax kellu d-demm. Mistoqsi minn fejn ġie d-demm, ix-xhud wieġeb:

> *Issa ma nafx minn fejn ġie, beda iżomm imnieħru sehem nista' ngħid.*[80]

Il-Qorti tosserva wkoll illi filwaqt li mix-xhieda tal-imputat, kif ukoll ta' missieru u tal-impjegat Samuel Xerri, jirriżulta li Grech u Farr ma kinux weħidhom fil-ħanut meta seħħet il-gidma, skond l-allegat vittma, meta l-imputat ħataflu imnieħru *"dak il-ħin ma kien hemm ħadd fil-ħanut. Ħadd lanqas x'sales persons jew hekk ħadd ma kien hemm. U jien ngħajjat ħallini ħallini ħallini u d-demm nieżel. Imbagħad naħseb mhux naħseb kien hemm missieru fuq żgur il-ħaddiema t'isfel jidher li telgħu wkoll."*[81] Ta' l-anqas kien hemm il-klijent li l-imputat stqarr li kien qiegħed jaqdi dak il-ħin qabel ma seħħet dik l-aggressjoni fiżika u missier l-imputat ikkorrobora dan id-dettal meta qal illi waqt it-taqbida fil-ħanut kien hemm *"impjegati u jixtru."*[82]

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputat, kif ikkorroborata mit-testimonjanzi tax-xhieda okulari, hija aktar kredibbli minn dik tal-parte ċivile li bħal donnu jrid jagħti l-impressjoni illi Grech kien lest għalih u qabeż fuqu malli tela' mill-*basement* u gidmu. Huwa fatt indubitat u ammess mill-imputat innifsu, illi seħħet il-gidma u li kien hu li gidem mnieħer Farr. Iżda l-imputat jispjega illi f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li sab ruħu fihom, meta kien l-allegat vittma li mar, issikka dirgħajh madwaru u għollieh, l-uniku ħsieb li ġieħ f'moħħu biex jeħles mill-qabda ta' Farr u b'hekk jipproteġi lilu nnifsu mill-periklu tal-madum bil-ponta li kien hemm warajh, kien li jigdem lill-aggressur tiegħu. Il-linja difensjonali tal-imputat tippernja fuq il-prinċipju ta' leġittima difiża.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli, filwaqt li min-naħa l-oħra, d-difiża, fid-

---

[80] Fol.43
[81] Fol.13
[82] Fol.42

dawl tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-imputat, tista' tibbaża l-każ tagħha fuq bilanċ ta' probabbilita`, jiġifieri jekk kienx probabbli li l-fatti seħħew kif irrakkonta l-imputat li, bħal ma jirriżulta fil-każ odjern, ġie kkorroborat minn xhieda okulari.

L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ ġewwa stabbiliment kummerċjali, miftuħ għall-pubbliku, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ u fil-fatt, kif ikkonferma missier l-imputat, dak il-ħin kien hemm "*impjegati u* [nies] *jixtru*."[83] Il-Qorti tosserva illi ma tressqet l-ebda evidenza viżiva li setgħet titfa' dawl fuq id-dinamika tal-inċident. L-imputat spjega illi wara l-akkadut hu kien mar "*mill-ewwel għall-cameras....imma....kienu qed jinstallaw il-lift ġdid u l-installer qata' l-wire tal-cameras. Bgħatt lil oħti nsomma u lanqas konna nafu li l-cameras mhux qed jaħdmu dak il-ħin f'dik il-ġurnata.*"[84] Fin-nuqqas ta' tali evidenza materjali, l-eżerċizzju li teħtieġ tagħmel il-Qorti hu li tgħarbel u tiżen it-testimonjanzi tal-parte ċivile u ta' żewġ impjegati li flimkien ma' missier l-imputat kienu preżenti fi stadji differenti tal-inċident, kif ukoll il-verżjoni tal-imputat innifsu li għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, hekk kif osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Sultana:**[85]

> "Il-Ġudikant għandu jeżamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeċiedi l-kawża abbażi tal-liġi applikabbli, tal-ġurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvinċenti u korroboranti."[86]
>
> Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra tagħti qies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi oħra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u tqis li l-verżjoni mogħtija mill-imputat, kif ikkorroborata minn xhieda ta' terzi, hi aktar verosimili u probabbli minn dik mogħtija mill-parte ċivile. Hu rrakkonta kif, wara l-ewwel parti tal-konfrontazzjoni, meta telaq mill-*basement* u tela' fil-groundfloor, kien qiegħed iwieġeb telefonata fuq il-*landline* meta resaq lejh Farr u dawwar dirgħajh madwaru. L-imputat spjega:

> *Jiena dort u nħsadt u kif dort kont għadni fuq it-telephone u kien hemm il-klijent. U qabadni hekk imbagħad....Naħseb shoulder height u qabadni hekk u urzani.*[87]

---

[83]Fol.42
[84] Fol.155-156
[85] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fil-21 ta' Frar, 2024.
[86] **Norbert Agius vs Anthony Vella et ,** Appell Nru. 140/1991/2, deċiża mill-S.T.O Prim Imħallef Vincent De Gaetano u l-Imħallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti, fil-25 ta' April, 2008.
[87] Fol.149

L-imputat kompla jispjega illi Farr għollieh u mexa bih meta warajh kien hemm "*kullimkien tiles mikxufin bil-ponta.*"[88] Il-Qorti tosserva illi r-reazzjoni tal-imputat, meta sab lill-parte ċivile ma' wiċċu malli dar, kienet waħda naturali ta' ħasda. Iżda meta Farr ħatfu bejn dirgħajh u għollieh, dik il-ħasda jidher li imbidlet f'biża', aktar u aktar għaliex kien jaf li Farr kien "*a bit of a strong man as well għax aħna ġieli nħottu x-xogħol jiġifieri.*"[89] Il-Qorti, li kellha l-opportunita` tara kemm lill-imputat kif ukoll lil parte ċivile u tikkompara l-istatura fiżika tagħhom, tqis illi l-verżjoni tal-imputat, dwar kif sab ruħu "*imwaħħal*" bejn dirgħajn il-parte ċivile, fi kważi impossibilita` totali li jiddefendi lilu nnifsu, kienet kredibbli. Apparti l-fatt illi ħassu inkapaċi li jiddefendi lilu nnifsu, l-imputat kien jaf illi madwaru kien hemm kampjuni ta' madum "*mikxufin bil-ponta.*"[90] Maqbud f'dik il-morsa b'saħħitha u maqtugħ mill-art minn Farr li kien ftit itwal minnu, waqt li ntebaħ li kien qiegħed jersaq bih lejn dak il-madum, l-imputat ammetta li l-uniku ħsieb li għaddielu minn moħħu dak il-ħin kien li jara kif jeħles lilu nnifsu. Fix-xhieda tiegħu, Grech insista li ried jevita li jispiċċa fuq dak il-madum jaqta' u ammetta illi l-uniku ħsieb li ġieh f'moħħu biex jagħmel dan kien billi jigdem lil Farr. L-imputat sostna illi ma setax jiddefendi lilu nnifsu b'idejh.

> *Idejja ma stajtx naqlagħhom imwaħħlin kienu.....Ġieni f'moħħi ma nafx kif li nigdmu għax l-unika ħaġa li rasi biss għandi available biex jien ma nispiċċax bit-tiles ġo dahri.*[91]

In kontro-eżami, l-imputat reġa' kkonferma li kien hu li gidem lill-parte ċivile iżda żied dettall li, fil-fehma tal-Qorti, jkompli jitfa' dawl fuq l-istat panikuż u beżgħan tiegħu meta sab ruħu f'dik is-sitwazzjoni fejn ħass li kien se jispiċċa għal dahru fuq dak il-madum bil-ponta.

> *Iva jiena u eżatt lanqas kont qiegħed għax b'għajnejja magħluqin biex ngħidlek il-pura verità, lanqas naf xi qbadt dak il-ħin għax lanqas naf għax fhimt ma nafx....Jekk tgħidli: 'Fejn gdimtu?' dak il-ħin lanqas naf eżatt.*[92]

Il-Qorti tqis dan id-dettall bħala wieħed li jkompli jsaħħaħ il-verżjoni tal-imputat għaliex jirrifletti reazzjoni naturali u istantanja ta' min, meta jsib ruħu mingħajr *via di scampo* f'sitwazzjoni ta' periklu, juża l-uniku mezz li ġieh f'moħħu dak il-ħin. F'dawk il-mumenti, anke skond dak li xehed missier l-imputat, Grech u Farr kienu "*magħqudin ma' xulxin*"[93] Għalhekk, wieħed jifhem aktar ir-reazzjoni tal-imputat li, meta sab ruħu mwaħħal bejn id-dirgħajn

---

[88] Fol.150
[89] Fol.151
[90] Fol.150
[91] Fol.151-152
[92] Fol.165
[93] Fol.40

b'saħħithom ta' Farr, wiċċu qrib dak ta' min kien qiegħed jissielet miegħu, l-uniku mezz li ġieh f'moħħu biex jeħles lilu nnifsu mill-periklu wara dahru, kien billi juża snienu. Dik ir-reazzjoni kienet waħda spontanja tant li l-imputat stqarr li dak li għamel kien "*without thought, without nothing.*"[94] Kompla jistqarr in kontro eżami illi:

> *Lanqas naf jekk kinitx ħafna jew ftit. Naf li mwaħħal miegħu u kemm biex jiena nżomm biex hu jieqaf. L-unika ħaġa li kelli u li nista' fil-verità nagħmel.*[95]

Il-Qorti tosserva illi kuntrarjament għall-mod dettaljat li bih l-imputat irrakkonta l-inċident *de quo,* il-verżjoni tal-parte ċivile kemm *a tempo vergine* meta mar jagħmel rapport ftit sigħat wara l-akkadut, kif ukoll meta xehed *viva voce* f'dawn il-proċeduri, kienet nieqsa mid-dettal. Fil-fatt, skond il-**Current Incident Report,**[96] Farr qal illi meta kienu fil-*basement,* l-imgħallem kien mar:

> *...ħa joqgħod ikellimni, jizzikani u ħa joqgħod jitkellem biex jirrabjak u jwaqqgħak għaċ-ċajt* <u>*u spiċċajna argumentajna u ġġilidna ftit, xejn ta' barra minn hawn għax tant jitilfek li jitliflek il-kontroll.*</u> *Bdejt ngħidlu biex jitlaq 'l hemm 'Ħallini nkompli b'xogħli.'* [Sottolinjar tal-Qorti]

Imbagħad dwar it-tieni fażi tal-inċident, fejn seħħet il-gidma, il-parte ċivile qal:

> *....kif tlajt fuq biex nara xi jrid jgħid hebb għalija tani daqqa ta' ponn fuq in-naħa tal-lemin ta' wiċċi u gidimni f'imnieħri u ma riedx iħallini. Imbagħad ġie missieru Manuel Grech u ħaddiema oħra biex jaqalawh minn miegħi u tlaqt għal polyclinic.*

Din il-verżjoni tirrifletti illi ftit sigħat wara l-akkadut, il-parte ċivile spjega illi l-argument li beda bejnu u l-imputat ma kien "<u>*xejn ta' barra minn hawn*</u>" u donnu ried iwaħħal fl-imputat li tiliflu l-kontroll. Jekk kif stqarr il-parte ċivile, dak l-argument ma kien "*xejn ta' barra minn hawn*" hi kemmxejn inverosimili t-tieni parti tal-verżjoni tiegħu li skontu, l-imputat kien qed jistennieh biex ixejjirlu daqqa ta' ponn u jaħtaflu mnieħru bi snienu hekk malli tela' mill-*basement.* Dan aktar u aktar meta l-imputat, bħala wieħed mis-sidien tal-istabbiliment, kien dak il-ħin qiegħed jaqdi xi klijent u jwieġeb telefonata. Għalkemm il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq dan il-klijent bħala xhud sabiex jikkonferma o meno dan il-fatt, il-Qorti tqis illi dak li xehdu żewġ impjegati, li dak iż-żmien kienu jaħdmu mal-kumpanija tal-imputat, kif ukoll ix-xhieda ta' missier l-imputat, kellhom mis-sewwa u kkorroboraw il-verżjoni tal-imputat. Meta mbagħad xehed quddiem il-Qorti sena wara l-inċident, il-parte ċivile aktar iffoka fuq il-"*problemi*" u "*nuqqasijiet*" li ħass li kienu qegħdin jagħmlulu ħajtu diffiċli fuq il-post tax-xogħol tiegħu dak iż-żmien tal-akkadut, milli fuq id-

---

[94]Fol.151
[95] Fol.165
[96] Fol.76

dinamika tal-inċident nnifsu u b'mod partikolari dwar x'wassal lill-imputat biex jigdmu fuq imnieħru. Farr qal illi meta tela' fuq:

> *...insibu hemm jistennieni. Sintendi biex noħroġ minn hemm irrid noħroġ ma stajtx noħroġ minn x'imkien ieħor u spiċċa ħebb għalija. Hemmhekk ħatafli mnieħri b'ħalqu infatti għad għandi marki u ma rridx jitlaqni xejn u dak il-ħin ma kien hemm ħadd fil-ħanut. Ħadd lanqas x'sales persons jew hekk ħadd ma kien hemm. U qed ngħajjat ħallini ħallini ħallini u d-demm nieżel.*[97]

Il-verżjoni ta' Farr timplika illi l-imputat kien donnu qiegħed jistennieh, lest biex jattakkah malli tela' minn isfel u dan kuntrarjament għal dak li qal l-imputat li kien proprju Farr li mar fuqu waqt li kien għadu qiegħed iwieġeb telefonata fuq in-naħa ta' barra ta' bank, tant li malli dar inħasad. Barra minn hekk, Farr jgħid illi l-imputat ma ried jitilqu b'xejn meta ħataflu mnieħru. Dan jikkuntrasta sew mal-verżjoni ta' wieħed mill-impjegati l-oħra li kien preżenti waqt dik it-taqbida u li kkonferma, kemm fi stqarrija ftit wara l-inċident kif ukoll meta xehed f'dawn il-proċeduri, illi l-imputat gidem lil Farr meta kien b'dahru mal-madum b'Farr fuqu.[98] L-istess xhud okulari spjega inoltre illi "*Huma damu bejn 3 sa 5 minuti imqabbdin ma' xulxin imma Adrian qisu l-aħħar nofs sekonda gidmu.*"[99] Minn dan jidher illi l-gidma kienet azzjoni li l-imputat irrikorra għaliha wara li kien ilu jitqabad ma' Farr u meta, f'dawk iċ-ċirkostanzi, deherlu li ma kellux triq oħra kif jeħles minn taħt idejn Farr u b'hekk jevita li jweġġa' dahru fuq dak il-madum. Fil-fatt, Grech spjega illi:

> *Meta jkun hemm xi ħadd hekk tevita li jkollok il-kunflitt ifhem ġol-ħanut, bin-nies u l-impjegati l-oħrajn, style tal-cowboys tagħmel hekk u ovvjament illum li għandi din l-età ta' erbgħa u erbgħin sena mhux ħa noqgħod nikkonfronta…*[100]

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi immedjatament wara li wieħed mill-impjegati u missier l-imputat irnexxielhom jifirdu liż-żewġt irġiel, missier l-imputat ħareġ ma' Farr barra l-ħanut u offra li jwasslu x'imkien peress li kien qed iżomm *tissue* ma' wiċċu u deher li kellu d-demm. Iżda Farr irrifjuta u qabel ma telaq bil-vann, meta missier l-imputat saqsieh għalfejn kien għamel hekk, Farr wieġeb: "*…għax qabżitli.*"[101] Dik it-tweġiba spontanja u *a tempo vergine* tindika illi l-parte ċivile kien qiegħed jirrikonoxxi li b'xi mod kien żbalja iżda bħal donnu ried jiġġustifika għemilu billi jgħid li tilef il-kontroll jew 'qabżitlu.' Il-Qorti temmen illi f'dak il-mument, Farr kien sinċier fir-risposta tiegħu għaliex meta tqis li dakinhar kien mar għax-xogħol mimli rabja minħabba incident li

[97] Fol.12-13
[98] Fol.120-121
[99] Fol.124
[100] Fol.151
[101] Fol.43

seħħ il-ġurnata ta' qabel, tant li beda jidgħi u jirrabja qabel ma biss rifes ġol-ħanut, ftit kien jonqsu biex jisbroffa u jiżvoga dik ir-rabja, kif fil-fatt għamel meta argument verbali mal-imgħallem tiegħu spiċċa ddeġenera f'episodju ta' vjolenza fiżika.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, jeħtieġ li l-Qorti tqis jekk l-aġir tal-imputat li wassal għall-imputazzjoni odjerna, kienx legalment ġustifikabbli jew skużabbli, jiġifieri jekk l-iskriminanti tal-leġittima difiża għandhiex tapplika, kif qed issostni l-abbli difiża.

Illi l-Artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk dwar din l-iskriminanti:

> **Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat *funditus* id-duttrina tal-leġittima difiża fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clint Zammit**[102] fejn intqal:

> 48. Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk: -
>
>> **"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew nonimputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.**
>>
>> **Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):**
>>
>> **"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to**

[102] Per Onor. Imħallef Edwina Grima, deċiż fl-20 ta' Marzu, 2019.

avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:

"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal- "commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."

Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`.[103]"

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:

"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"

**49.** Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna

---

[103] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna, fis-16 ta' Ottubru, 2003.

tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awtotutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni: -

**"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**

**La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta. Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[104]"**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51.** Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti**: -**

**L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.[105]**

---

104 http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03 legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere

105 ibid

**52.** Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż- żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.[106]" [enfasi tal-Qorti]

Hekk ukoll dwar id-dritt tal-leġittima difiża, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Psaila** qalet illi dan id-dritt:[107]

….jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi w inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkagunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni u mhux difiża leġittima.Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, ċjoe` li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew xi jmissu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza. Fil-fatt kif jgħid Mamo: "*the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*" Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikoloġiku ta' l-imputat difensur meta aġixxa b'dak il-mod fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument, ċjoe` imbeżża', panikuż u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit.........

Fl-aħħarnett biex l-imputat ikun jista' jiġi ġustifikat għal kollox, fid-difiża leġittima huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew sproporzjonati għall-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn....għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċjoe` l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm kalm u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgement.* Il-liġi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tiġi inflitta f'każijiet li anke fejn bniedem jeċċedi l-liġi f'każ li jkun neċessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eċċess ikun dovut għall-perikolu imminenti li hu jsib ruħu rinfaċċat bih, jew minħabba biża' jew twerwir (*fear or fright).*

Il-Qorti tosserva illi fid-dritt Taljan il-kunċett ta' leġittima difiża ġie mwessa' b'tali mod illi fejn l-aggressjoni sseħħ fid-dar jew fuq il-post tax-xogħol tal-imputat, li għalhekk kien jeħtieġlu jiddefendi lilu nnifsu, ir-rekwiżit ta'

---

[106] Appell Superjuri – **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2018.
[107] Per Onor. Imħallef Carmel A. Agius, deċiża fl-20 ta' Jannar, 1995.

proporzjonalita` huwa presunt, ikun x'ikun il-mezz li bih l-imputat jiddefendi lilu nnifsu.

> *Occorre aggiungere peraltro che nel 2006 e' intervenuta una modifica al testo volta ad ampliare le possibilità di difesa nei luoghi di domicilio. La piu` rilevante novita` consta nel fatto che il requisito della proporzionalita` viene presunto nel caso in cui l'offesa avvenga nel domicilio o nel luogo di lavoro dell'aggredito, cosi` rendendo sostanzialmente legittimo qualsiasi tipo di difesa nei luoghi sopra indicati.*[108]

Ma teżistix dispożizzjoni analoga fil-Kodiċi Kriminali tagħna u forsi wasal iż-żmien li l-leġislatur jikkonsidra emenda f'dan is-sens għaliex **ir-residenza jew post tax-xogħol għandu jkun lok fejn persuna tħossha sikura, mingħajr il-biża' li jekk tiddefendi ruħha fil-każ li tisfa aggredita, tista' taffaċċja konsegwenzi penali bħal ma seħħ fil-każ odjern**. Fil-fatt, fil-każ in eżami, l-aggressjoni seħħet f'lok li kien il-post tax-xogħol tal-imputat. Għalkemm il-parte ċivile kien impjegat mal-kumpanija tal-familja tal-imputat, skond dak li rriżulta mill-atti proċesswali, xogħlu bħala *sales representative* kien ikun l-aktar fuq barra u fis-sezzjoni tal-għodda ġewwa l-Marsa u mhux ġewwa x-*showroom* ta' Birkirkara. Dan ikkonfermah l-imputat innifsu li xehed illi:

> *Kont qiegħed ix-showroom ta' ...grech cristal bath Birkirkara, u għalkemm aktar xogħoli kien il-Marsa, imma kelli xi xogħol illi x'kelli x'nagħmel minn hemmhekk.*[109]

Fid-dawl tal-assjem tal-provi u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tħossha moralment konvinta illi l-verżjoni tal-imputat kienet attendibbli u għaldaqstant, il-linja difensjonali tiegħu hija valida. Huwa evidenti, ukoll minn dak li qalu impjegati oħra, illi dakinhar tal-inċident il-parte ċivile kien mimli rabja minħabba intopp li ltaqa' miegħu fuq ix-xogħol il-ġurnata ta' qabel. Fil-fatt beda jgerger u jidgħi malli wasal barra l-ħanut ta' Birkirkara. Kif stqarr hu stess, ħassu urtat meta l-imputat mar ikellmu dwar dak li kien ġara lejliet. Kliemu stess kien jixhed li kien irritat u nervuż meta qal:

> *U kif rani hemm mill-ewwel ħa jibda jparla fuq fuq li ġara ġimgħa filgħaxija u bdejt ngħidlu itlaq 'l hemm itlaq 'l hemm għax ma ma flaħtux.*[110]

Il-Qorti temmen illi dan l-inċident kien xprunat minn numru ta' fatturi. L-imputat stqarr *ab initio* illi fi żmien l-akkadut kien għaddej minn perjodu diffiċli u fil-fatt spjega illi *"ma kontx qiegħed sew."*[111] It-tabib personali tiegħu ikkonferma illi kien ippreskrivielu xi mediċina minħabba l-ansjeta` li, skond il-

---

[108] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03 legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere
[109] Fol.9
[110] Fol.12
[111] Fol.10

pazjent, kienet ikkawżata minn "*problemi ta' xogħol.*"[112] Fix-xhieda tiegħu, il-parte ċivile tkellem fit-tul dwar dawn il-problemi u l-frustrazzjoni li ħass minħabba l-fatt li meta ta n-*notice,* l-imgħallem "*baqa' ma jridx iħallini nitlaq.*":[113]

> *Miegħi aggressiv le ma kienx. Qed tifhimni? Imma kif, something doesn't go his way, jiġifieri, narah isir eċitat ħafna.*[114]

Il-Qorti tqis illi dawn il-fatturi lkoll flimkien kellhom impatt negattiv fuq ir-relazzjoni bejn il-parte ċivile u l-imputat u kienu r-retroxena għall-inċident mertu tal-kawża odjerna. Dakinhar tal-inċident, it-tensjoni bejniethom tidher li eskalat sal-punt illi, kif stqarr Farr innifsu, "*tant jitilfek li jitliflek il-kontroll.*" Min-naħa l-oħra, l-imputat stqarr illi hu ried jevita tali konfront "*ġol-ħanut, bin-nies u l-impjegati l-oħrajn, style tal-cowboys*" iżda meta sab ruħu aggredit u maqbud bejn dirgħajn l-impjegat tiegħu, kellu jirreaġixxi biex jeħles lilu nnifsu minn periklu li dak il-mument ħass li kien serju u imminenti u dan għamlu billi rrikorra għall-uniku mezz li ġieh f'moħħu f'dawk iċ-ċirkostanzi li ippreċipitaw f'ħakka t'għajn. Bħalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri):

> Rekwiżit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiża hija l-inevitabilita`, meta l-akkuzat "cannot escape though he would," bil-korollarju li wiehed ma jistax jitkellem dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."[115]

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat kien ġustifikat li jaġixxi b'dak il-mod biex jiddefendi lilu nnifsu leġittimament u stante illi din il-linja ta' difiża qed tiġi milqugħa, il-Qorti mhix qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni attribwita lilu u qiegħda, għaldaqstant, tilliberah minn kull ħtija u piena.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[112] Fol.96
[113] Fol.11
[114] Fol.185
[115] Per is-S.T.O Prim Imħallef Carmelo Schembri u l-Imħallfin Hugh Harding u Carmelo Scicluna, deċiża fl-14 ta' Jannar,1986. Vide ukoll